



Brussell, 23 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9505/19

Fajls Interistituzzjonali:

2019/0013(NLE)

2019/0014(NLE)

2019/0012(NLE)

2019/0016(NLE)

DAPIX 190
CH 33
FL 35
CRIMORG 82
ENFOPOL 263
RELEX 519
JAI 559

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji, u l-Anness tagħha

- Adozzjoni

Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji

- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji, u l-Anness tagħha

- Adozzjoni

Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji

- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fis-26 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza n-negozjati għall-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteciċipazzjoni ta' daww l-Istati f'ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha (id-"Deċiżjonijiet ta' Prüm").
2. Fil-laqgħa tagħhom tal-1 ta' Diċembru 2015, il-Kunsilliera tal-ĠAI ddiskutew ir-rakkomandazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-Protokoll (21), anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-pożizzjoni tar-Renju Unit.
3. Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni u lill-Kunsill permezz ta' ittra fit-22 ta' Jannar 2016 (5650/16) bix-xewqa tiegħu li jieħdu sehem fid-"Deċiżjonijiet ta' Prüm". Fl-20 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni kkonfermat, f'konformità mal-Artikolu 331(1) TFUE, il-parteciċipazzjoni tar-Renju Unit. Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni u lill-Kunsill permezz ta' ittra fid-29 ta' Jannar 2016 (5760/16) bix-xewqa tiegħu li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni ta' hawn fuq.
4. Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Jannar 2016, DAPIX ġie infurmat mis-Servizz Legali tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-fajl. Minbarra li wessa' l-ambitu tan-negozjati għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI (id-"Deċiżjoni dwar il-Forensika"), l-abbozz ta' rakkomandazzjoni riveduta (5988/16) kien marbut maż-żieda tal-bażi ġuridika u kkjarifika l-pożizzjoni tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit.
5. L-Irlanda u r-Renju Unit huma marbuta mid-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" u mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI, u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fis-suġġett ta' din in-nota.

6. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fis-suġġett ta' din in-nota u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
7. Ir-rakkomandazzjoni kienet ippreżentata lill-COREPER u tqieset maqbula billi l-ebda delegazzjoni ma qajmet xi oġġezzjoni sas-26 ta' Mejju 2016.
8. Fid-9 ta' Ġunju 2016, fuq dik il-bażi l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni li tawtorizza n-negozjati dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet bejn l-UE, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" u d-"Deċiżjoni dwar il-Forensika", u ta d-direttivi ta' negozjati meħtieġa (10700/17) lill-Kummissjoni.
9. Fil-5 ta' Lulju 2017, id-Deċiżjoni, sussegwentement għad-deklassifikazzjoni tagħha f'Ġunju 2017, intbagħtet lill-Parlament Ewropew għall-finijiet ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
10. L-abbozzi tal-ftehimiet innegozjati mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tad-direttivi msemmija hawn fuq ġew emendati fil-laqgħa tad-DAPIX tas-16 ta' April 2018. Id-delegazzjonijiet ġew ikkonsultati dwar il-verżjonijiet emendati u billi ma tressqet l-ebda oġġezzjoni sat-30 ta' April 2018, il-verżjonijiet emendati tal-ftehimiet tqiesu maqbula.
11. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-ftehimiet fl-24 ta' Mejju 2018.

12. Fil-31 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lil Kunsill:

- proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji (6251/19 + ADD 1),
- proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji (6253/19 + ADD 1),
- proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji (6249/19),

- proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji (6248/19).
13. L-abbozz tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija hawn fuq ġew eżaminati mill-Kunsilliera tal-ĠAI fil-laqgħa tagħhom tat-18 ta' Frar 2019 u sussegwentement ġew emendati (6589/19, 6657/19, 6586/19; 6590/19, 6658/19, 6587/19).
 14. Fil-laqgħa tagħhom tat-12 ta' April 2019, il-Kunsilliera ĠAI ħadu nota tal-verżjonijiet emendati u billi ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni ppreżentata sas-16 ta' April 2019, l-abbozzi tqiesu maqbula.
 15. F'konformità mal-Artikolu 218(5) TFUE, il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat dwar id-Deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' dawn il-Ftehimiet.
 16. F'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew hija meħtieġa qabel ma l-Kunsill jadotta d-Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet.
 17. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-COREPER huwa mitlub jikkonferma l-abbozzi ta' Ftehim imsemmija hawn fuq u jstieden lill-Kunsill biex:
 - jadotta l-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehimiet kif jinsabu fid-dokumenti 8740/19 u 8747/19 kif ukoll it-test tal-Ftehimiet kif jinsabu fid-dokumenti 8744/19 u 8750/19 (testi ffinalizzati mill-ġuristi lingwisti);
 - jiddeċiedi li jinforma lill-Parlament Ewropew dwar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet;

- jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet kif jinsabu fid-dokumenti 8730/19 u 8732/19 (testi ffinalizzati mill-ġuristi lingwisti) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
-